| Il-Pjan tal-lezzjoni | |
|---|---|
| Il-Klassijiet: 4G | Id-data: 24 ta' Marzu 2011 |
| Il-Qasam tal-Malti:<br>L-esperjenza letterarja | It-Titlu tal-lezzjoni:<br>'Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti' |
| L-Għanijiet: Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se jifhmu l-importanza tal-qari tal-qazzetti minħabba l-informazzjoni varjata li fiha, se jaraw ir-rilevanza tat-tema tal-poeżija fil-]ajja ta' kuljum u se jsiru aktar familjari mal-lingwaġġ tal-Let Me Learn. | |
| Il-Metodu: diskussjoni mal-klassi, spjegazzjoni, xogħol f'pari | |
| Ir-Riżorsi: wajtbord, markers, il-ktieb 'Qawsalla', gazzetti, ħendawts | |

Jacqueline D'Amato

Id-daħla: Nibda l-lezzjoni billi nqassam paġna ta' gazzetta lil kull student nagħtihom ftit ħin biex jagħtuha daqqa t'għajn.

L-ewwel pass: Issa nistaqsi xi mistoqsijiet bil-għan li niġu bil-mod il-mod għat-tema tal-poeżija:

- Semmuli xi taqsimiet li jkun hemm f'gazzetta.
- Xi tfittxu l-ewwel f'gazzetta? Għaliex?
- Għalfejn in-nies jaqraw il-gazzetti?
  Nisma' t-tweġibiet tagħhom.

It-tieni pass: Ngħaddi biex nintroduċi l-poeżija 'Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti' (pġ. 139). Naqraha jiena u wara nerġa' nistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għaliex min ma jixtrix gazzetti ma jeżistix? X'irid jgħid biha l-poeta?
- Għalikom x'tip ta' persuna hi waħda li ma tkunx taf x'inhu jiġri madwarha?

Bl-użu ta' dawn il-mistoqsijiet qed naraw ir-rilevanza tat-tema tal-poeżija għall-]ajja ta' kuljum.

It-tielet pass: Wara nqassam ħendawt lill-istudenti li se jkun fiha eżerċizzji differenti biex kemm jista' jkun nolqot lil kulħadd.

Eż. 1: jirranġaw il-versi tal-poeżija wara xulxin **(Sekwenza)**
Eż. 2: jagħtu l-isem tat-termini letterarji li hemm mitkuba **(Preċiżjoni)**
Eż. 3: ikomplu kif meħtieġ biex joħorġu l-kuntrast bejn l-ewwel u t-tieni strofa. **(Preċiżjoni)**

Eż. 4: ikomplu t-tieni strofa tal-poeżija kif jogħġob lilhom billi jkunu oriġinali, jivvintaw u jimmaġinaw. **(Konfluenza)**

Qabel jibdew jaħdmuha, naċċerta ruħi li kulħadd fehem xi jrid jagħmel.

Ir-raba' pass: Nagħtihom għaxar minuti biex jaħdmu l-ħendawt. Sadattant jien se nkun qed indur magħhom.

Il-ħames pass: Malli jlestu nisma' xi ftit ideat kreattivi u oriġinali ta' kif komplew il-poeżija.

L-Għeluq: Inkomplu nikkoreġu l-ħendawt u li ma nlaħħqux inkomplu fil-lezzjoni li jmiss.